# Ħadd il-Palm
# u l-Passjoni tal-Mulej

**Waqt it-Tifkira tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm**

## Evanġelju

*Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.*

Mt 21, 1-11

### Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

[1]Xħin waslu qrib Ġerusalemm u ġew quddiem Betfaġe lejn l-Għolja
taż-Żebbuġ, Ġesù bagħat żewġ dixxipli [2]u qalilhom: «Aslu
sar-raħal biswitkom; u minnufih issibu ħmara marbuta u felu ħdejha;
ħolluhom u ġibuhomli. [3]Jekk xi ħadd jgħidilkom xi ħaġa, weġbuh:
"Il-Mulej jeħtieġhom, u malajr jerġa' jibgħathom lura."» [4]Dan ġara
biex iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta, meta qal: [5]«Għidu
lil bint Sijon: "Ara, is-Sultan tiegħek ġej għandek, ġwejjed, riekeb fuq
ħmara u fuq felu, ferħ ta' bhima tat-tagħbija."»

[6]Id-dixxipli marru u għamlu kif ordnalhom Ġesù; [7]ġiebu l-ħmara u
l-felu, qiegħdu fuqhom l-imnatar tagħhom, u hu qagħad fuqhom.
[8]Għadd kbir ta' nies firxu l-imnatar tagħhom fit-triq, waqt li oħrajn
qatgħu xi friegħi mis-siġar u ferrxuhom mat-triq. [9]Il-folol li kienu
miexja quddiem u dawk li kienu miexja wara bdew jgħajtu u jgħidu:
«Hosanna lil Bin David! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! Hosanna
fl-ogħla tas-smewwiet!»

[10]Meta mbagħad daħal Ġerusalemm, il-belt kollha tqanqlet u n-nies
bdew jgħidu: «Dan min hu?» [11]U l-folol weġbuhom: «Dan hu
l-profeta Ġesù minn Nażaret tal-Galilija.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej

**Il-Quddiesa**

## Qari I

*Ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir.*

Is 50, 4-7

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

4 Sidi l-Mulej tani lsien ta' wieħed jitgħallem,
biex nagħraf ngħin lill-għajjien b'xi kelma.

Ta' kull filgħodu jqajjimli lil widinti,
biex nisma' bħal wieħed jitgħallem.
5 Sidi l-Mulej fetaħli widinti,
u jiena ma webbistx rasi,
ma rġajtx lura.

6 Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni,
ħaddejja lil dawk li kien jnittfuli lħiti;
ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq.
7 Sidi l-Mulej jgħinni,
għalhekk ma nitħawwadx;
għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied:
jien naf li ma jkollix mniex nistħi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 21 (22), 8-9.17-18a.19-20.23-24

R/. (2a): Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?

8 Dawk kollha li jarawni jidħku bija,
jgħajbuni, iħarrku rashom u jgħidu:
9 «F'idejn il-Mulej intelaq; ħa jeħilsu hu!
Ħa jsalvah hu, għax bih jitgħaxxaq!» R/.

17 Qabda klieb daru għalija;
ġemgħa nies ħżiena rassewni.
Taqqbuli idejja u riġlejja;
18 nista' ngħodd għadmi kollu. R/.

19 Ħwejġi qasmu bejniethom,
jaqtgħu x-xorti għal-libsa tiegħi.
20 Mulej, la titbegħidx minni;
qawwa tiegħi, fittex għinni! R/.

23 Inxandar ismek lil ħuti;
infaħħrek f'nofs il-ġemgħa.
24 Faħħru l-Mulej, intom li tibżgħu minnu;
sebbħuh ilkoll, nisel Ġakobb!
ibżgħu minnu lkoll, ulied Iżrael! R/.

## Qari II

*Kristu ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh.*

Fil 2, 6-11

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**

Ġesù Kristu [6]li għad li kellu n-natura ta' Alla,
ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
[7]iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir,
sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem;
[8]ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.

[9]Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet
u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem,
[10]biex fl-isem ta' Ġesù
– fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art –
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkubbtejhom,
[11]u kull ilsien jistqarr:
«Ġesù Kristu hu l-Mulej,»
għall-glorja ta' Alla l-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Fil 2, 8-9

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Minħabba fina Kristu obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib.
Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet,
u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

Mt 26, 14 - 27, 66

## ✠ Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu skond San Mattew

### I

K F'dak iż-żmien, [14]wieħed mit-Tnax, jismu Ġuda l-Iskarjota, mar għand il-qassisin il-kbar [15]u qalilhom:

S «Xi tridu tagħtuni u jiena nagħtikom lil Ġesù f'idejkom?»

K U huma tawh tletin biċċa tal-fidda bħala ħlas. [16]Minn dak il-ħin beda jfittex okkażjoni tajba biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom. [17]Fl-ewwel jum ta' l-Ażżmi d-dixxipli resqu lejn Ġesù u qalulu:

S «Fejn tridna nħejjulek l-ikla tal-Għid?»

K [18]U hu qalilhom:

✠ «Morru l-belt għand it-tali, u għidulu: "Qallek l-Imgħallem: Is-siegħa tiegħi waslet; jien se nagħmel l-ikla tal-Għid għandek mad-dixxipli tiegħi."»

K [19]Id-dixxipli għamlu kif ordnalhom Ġesù u ħejjew l-ikla ta' l-Għid. [20]Għall-ħin ta' filgħaxija qagħad fuq il-mejda flimkien mat-Tnax, [21]u waqt l-ikel qal:

✠ «Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini.»

K [22]Huma bdew isewdu qalbhom ħafna u kull wieħed minnhom beda jsaqsih:

S «Jaqaw jien, Mulej?»

K [23]U Ġesù weġibhom:

✠ «Dak li jmidd idu u jbill il-ħobż fi platt wieħed miegħi, dak li se jittradini. [24]Bin il-bniedem imur kif hemm miktub fuqu imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa! Kien ikun aħjar għalih dak il-bniedem li kieku ma twieled xejn!»

K [25]Qabeż Ġuda, dak li ttradieh, u qallu:

S «Jaqaw jien, Rabbi?»

K Wieġbu Ġesù:

✠ «Int qiegħed tgħidu.»

K [26]Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal:

✠ «Ħudu, kulu, dan hu ġismi.»

K [27]Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal:

✠ «Ixorbu lkoll minnu, [28]għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet. [29]Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri.»

K [30]Kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. [31]Imbagħad Ġesù qalilhom:

✠ «Ilkoll kemm intom se titħawdu minħabba fija f'dan il-lejl;
għax hemm miktub: "Nidrob ir-ragħaj, u n-nagħaġ tal-merħla
jitferrxu." 32Imma wara li nqum mill-mewt, immur il-Galilija
qabilkom.»

K 33Qabeż Pietru u qallu:

S «Jekk kulħadd jitħawwad minħabba fik, jiena ma nitħawwad qatt.»

K 34Qallu Ġesù:

✠ «Tassew, ngħidlek, li dal-lejl, qabel ma jidden is-serduk, int tkun ġa ċħadtni tliet darbiet.»

K 35Qallu Pietru:

S «Le, ma niċħdekx, anqas jekk ikolli mmut miegħek!»

K U d-dixxipli l-oħra wkoll, kulħadd qal l-istess.
36Imbagħad Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu wasal f'qasam,
jgħidulu l-Ġetsemani, u qal lid-dixxipli:

✠ «Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk nitlob.»

K 37U ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda
jsewwed qalbu u jiddejjaq. 38Imbagħad qalilhom:

✠ «Għandi ruħi mnikkta għall-mewt, ibqgħu hawn u ishru miegħi.»

K 39Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet wiċċu fl-art jitlob u jgħid:

✠ «Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Imma
mhux kif irrid jien, iżda kif trid int.»

K [40]Ġie ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin; u qal lil Pietru:

✠ «Mela ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi? [41]Ishru u itolbu
biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem
dgħajjef.»

K [42]Għat-tieni darba raġa' mar jitlob u qal:

✠ «Missieri, jekk dan il-kalċi ma jistax jgħaddi mingħajr ma
nixorbu, tkun magħmula r-rieda tiegħek.»

K [43]Mill-ġdid ġie u sabhom reqdin, għax għajnejhom kienu tqal
bin-ngħas. [44]Ħalliehom, u raġa' mar jitlob għat-tielet darba, u
qal l-istess kliem. [45]Imbagħad ġie ħdejn id-dixxipli u qalilhom:

✠ «Issa se torqdu u tistrieħu? Ara, is-siegħa waslet, u Bin
il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin. [46]Qumu! Ejjew
immorru! Araw, dak li se jittradini huwa fil-qrib!»

K [47]Kif kien għadu jitkellem, ġie Ġuda, wieħed mit-Tnax,
b'ġemgħa kbira ta' nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten,
mibgħuta mill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu. [48]Issa dak li
kien se jittradih kien tahom sinjal u qalilhom:

S «Lil dak li nbus, dak hu: aqbduh.»

K [49]U minnufih resaq fuq Ġesù; u qallu:

S «Is-sliem għalik, Rabbi!»

K U biesu. [50]U Ġesù qallu:

✠ «Ħabib, għalhekk ġejt int!»

K Huma resqu lejh, meddew idejhom fuq Ġesù u qabduh.
[51]Wieħed minn dawk li kienu ma' Ġesù ħareġ idu u silet
is-sejf, darab lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu widintu.
[52]Imbagħad Ġesù qallu:

✠ «Erġa' daħħal sejfek f'postu għax kull min jaqbad is-sejf, bis-sejf
jinqered. [53]Taħseb int li ma nistax nitlob lil Missieri u jibgħatli
issa stess aktar minn tnax-il leġjun ta' anġli? [54]Iżda mbagħad kif
isseħħ l-Iskrittura li tgħid li hekk għandu jsir?»

K [55]Fl-istess waqt Ġesù qal:

✠ «Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u bil-bsaten
biex taqbdu lili! Jien kuljum kont inkun bilqiegħda fit-tempju
ngħallem, u ma żammejtunix. [56]Iżda dan kollu ġara biex isseħħ
il-kitba tal-profeti.»

K Imbagħad id-dixxipli kollha telquh u ħarbu. [57]Dawk li qabdu
lil Ġesù ħaduh quddiem Kajfa, il-qassis il-kbir, fejn ġa kienu
nġabru l-kittieba u x-xjuħ. [58]Pietru kien baqa' miexi warajh
mill-bogħod sal-palazz tal-qassis il-kbir; daħal ġewwa u qagħad
bilqiegħda mal-qaddejja biex jara kif kienet se tintemm il-biċċa.
[59]Il-qassisin il-kbar u s-Sinedriju kollha bdew ifittxu xhieda foloz
kontra Ġesù bil-ħsieb li jagħtuh il-mewt, [60]iżda għalkemm resqu
bosta xhieda foloz, ma sabux fuqiex jixluh. Fl-aħħar resqu tnejn
[61]u qalu:

S «Dan qal: "Nista' nħott it-tempju ta' Alla u nerġa' nibnih fi tlitt ijiem."»

K [62]Il-qassis il-kbir qam u qallu:

S «Xejn ma twieġeb? X'inhuma jixhdu dawn kontra tiegħek?»

K [63]Imma Ġesù baqa' sieket. Imbagħad il-qassis il-kbir qabad u qallu:

S «Aħlifli fuq Alla l-ħaj u għidilna jekk intix il-Messija, Bin Alla.»

K [64]Qallu Ġesù:

✠ «Inti qiegħed tgħidu. U ngħidilkom ukoll: minn issa 'l quddiem għad taraw lil Bin il-bniedem bilqiegħda n-naħa tal-lemin ta' dak li jista' kollox u ġej fuq is-sħab tas-sema.»

K [65]Imbagħad il-qassis il-kbir ċarrat ilbiesu u qal:

S «Din dagħwa! Xi ħtieġa għandna iżjed ta' xhieda? Ara, smajtuha issa d-dagħwa! X'jidhrilkom?»

K [66]Huma weġbuh u qalu:

S «Ħaqqu l-mewt.»

K [67]Imbagħad beżqulu f'wiċċu u tawh bil-ponn, u xi wħud tawh bil-ħarta [68]u qalulu:

S «Aqta' min tahielek, Messija, din id-daqqa!»

K [69]Intant Pietru kien hemm barra bilqiegħda, fil-bitħa tal-palazz. U resqet fuqu waħda qaddejja u qaltlu:

S «Int ukoll kont ma' Ġesù tal-Galilija!»

K [70]Imma hu ċaħad quddiem kulħadd u qal:

S «Anqas naf xi trid tgħid.»

K [71]Imbagħad warrab lejn il-bieb, lemħitu qaddejja oħra u qalet lil dawk li kienu hemm:

S «Dan kien ma' Ġesù ta' Nażaret.»

K [72]U raġa' ċaħad u ħalef:

S «Jien ma nafux lil dan il-bniedem!»

K [73]Wara ftit dawk l-istess nies resqu lejn Pietru u qalulu:

S «Tassew, inti wkoll wieħed minnhom, għax għandek il-kisra ta' kliemek tikxfek.»

K [74]Imbagħad qabad jisħet lilu nnifsu u jaħlef:

S «Le, ma nafux lil dan il-bniedem!»

K U minnufih is-serduk idden. [75]U Pietru ftakar fil-kliem ta' Ġesù meta qallu: «Qabel ma s-serduk jidden, int tkun ġa ċħadtni tliet darbiet.» U ħareġ 'il barra jibki biki ta' qsim il-qalb.

K [27,1]L-għada filgħodu l-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu ftiehmu
lkoll bejniethom biex lil Ġesù jaqtgħuhielu għall-mewt. [2]Rabtuh
u ħaduh magħhom biex jagħtuh f'idejn Pilatu, il-gvernatur.
[3]Imbagħad Ġuda, it-traditur, meta ra li Ġesù kien ikkundannat,
nidem u mar bit-tletin biċċa tal-fidda għand il-qassisin il-kbar u
x-xjuħ biex jerġa' jagħtihomlhom lura; [4]u qalilhom:

S «Dnibt, għax ittradejt demm bla ħtija!»

K Iżda huma qalulu:

S «Aħna din x'inhi affari tagħna? Dak arah int!»

K [5]Hu waddab il-flus fis-santwarju, telaq u mar tgħallaq.
[6]Imbagħad il-qassisin il-kbar ġabru l-flus minn hemm u qalu:

S «Dawn ma nistgħux inqegħduhom ma' l-offerti, għax huma
prezz tad-demm.»

K [7]Ftiehmu bejniethom, u b'dawk il-flus xtraw "l-Għalqa ta'
Ħaddiem il-Fuħħar," biex fiha jidfnu l-barranin. [8]Kien għalhekk
li dik l-għalqa ssemmiet "l-Għalqa tad-Demm", u hekk għadha
magħrufa sa llum. [9]Imbagħad seħħ dak li kien ingħad permezz
tal-profeta Ġeremija meta qal: «U ħadu t-tletin biċċa tal-fidda,
il-prezz ta' dak li kien stmat bil-prezz mogħti minn ulied Iżrael,
[10]u tawhom għall-għalqa ta' ħaddiem il-fuħħar, kif ikkmandani
l-Mulej.»

## II

K [11]Ġesù waqaf quddiem il-gvernatur, u dan staqsieh:

S «Int is-sultan tal-Lhud?»

K U Ġesù wieġbu:

✠ «Int qiegħed tgħidu.»

K [12]Iżda meta l-qassisin il-kbar u x-xjuħ bdew jakkużawh, hu ma wieġeb xejn. [13]Għalhekk Pilatu qallu:

S «M'intix tisma' kemm ħwejjeġ qegħdin jixhdu kontra tiegħek?»

K [14]Iżda hu anqas għal akkuża waħda ma wieġeb, hekk li l-gvernatur baqa' mistagħġeb ħafna.

[15]Nhar ta' festa, il-gvernatur kien soltu jitlaq wieħed ħabsi, lil min iridu huma. [16]Dik il-ħabta kellhom wieħed ħabsi magħruf, jismu Barabba. [17]Mela kif kienu miġbura, Pilatu qalilhom:

S «Lil min triduni nitilqilkom, lil Barabba jew lil Ġesù li jgħidulu l-Messija?»

K [18]Għax hu kien jaf li kienet l-għira li ġagħlithom jagħtuh lil Ġesù f'idejh. [19]Issa waqt li kien bilqiegħda fuq is-siġġu tat-tribunal, martu bagħtet tgħidlu:

S «Qis li ma jkollokx x'taqsam ma' dan ir-raġel ġust, għax illum minħabba fih batejt ħafna fil-ħolm.»

K [20]Iżda l-qassisin il-kbar u x-xjuħ ġiegħlu l-poplu jitolbuh lil Barabba u jeqirdu lil Ġesù. [21]Il-gvernatur, mela, raġa' staqsiehom:

S «Lil min triduni nitilqilkom minnhom it-tnejn?»

K Weġbuh ilkoll:

S «Lil Barabba.»

K [22]Qalilhom Pilatu:

S «U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?»

K Weġbuh ilkoll:

S «Sallbu!»

K [23]Hu staqsiehom:

S «Imma x'għamel ħażin?»

K Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu:

S «Sallbu!»

K [24]Meta mbagħad Pilatu ra li kollox kien għal xejn, anzi li aktarx kienet se tinqala' xi rewwixta, qabad, ħasel idejh fl-ilma quddiem il-poplu u qal:

S «Jien m'iniex ħati ta' dan id-demm: dan arawh intom!»

K 25 U l-poplu kollu qabeż u qal:

S «Demmu fuqna u fuq uliedna!»

K 26 Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat,
tahulhom biex isallbuh.

27 Imbagħad is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju,
u ġabru quddiemu lil sħabhom kollha. 28 Neżżgħuh, u xeħtulu
fuqu mantar aħmar skur; 29 qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa
mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, inxteħtu għarkubbtejhom
quddiemu, u qagħdu jiddieħku bih u jgħidulu:

S «Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!»

K 30 Beżqu fuqu, u ħadulu l-qasba minn idu u bdew jagħtuh biha
fuq rasu. 31 Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu
l-mantar u xeddewlu ħwejġu.

U ħaduh magħhom biex isallbuh. 32 Huma u sejrin sabu raġel
minn Ċireni, jismu Xmun, u ġagħluh jerfagħlu s-salib. 33 Meta
waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa,
34 tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu, imma ma riedx
jixorbu. 35 Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi
tellgħuhom bix-xorti, 36 u nxteħtu bilqiegħda u qagħdu hemm
għassa tiegħu. 37 U qegħdulu fuq rasu l-kawża tal-kundanna
tiegħu li kienet tgħid hekk: «Dan hu Ġesù, is-sultan tal-Lhud.»
38 Imbagħad miegħu sallbu żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u
l-ieħor fuq ix-xellug. 39 Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh,
iċaqilqu rashom 40 u jgħidu:

S «Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta' Alla, u inżel minn fuq is-salib!»

K [41]Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu:

S [42]«Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Iżrael! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih! [43]Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu! Għax hu qal: "Jiena Bin Alla!"»

K [44]U bl-istess mod bdew imaqdruh ukoll il-ħallelin li kienu msallbin miegħu.

[45]Mis-sitt siegħa 'l quddiem waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. [46]U madwar id-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi u qal:

✠ «Elì, Elì, lemà sabaqtàni?»

K Jiġifieri: «Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?»
[47]Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu:

S «Lil Elija qiegħed isejjaħ dan!»

K [48]U minnufih wieħed minnhom mar jiġri, qabad sponża mimlija bil-ħall, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob, [49]waqt li l-oħrajn qalu:

S «Stenna, ħa naraw jiġix Elija jsalvah!»

K [50]Imma Ġesù raġa' għajjat għajta kbira u radd ruħu.

*Kulħadd jinżel għarkubbtejh u jinżamm is-skiet għal ftit ħin.*

[51]U ara l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel;
l-art theżhżet, il-blat inqasam, [52]u l-oqbra nfetħu, u qamu ħafna
iġsma ta' qaddisin li kienu mietu, [53]li ħarġu mill-oqbra u wara
l-qawmien tiegħu daħlu fil-Belt imqaddsa u dehru lil bosta nies.
[54]Iċ-ċenturjun u dawk li kienu miegħu għassa ta' Ġesù, kif raw
l-art titheżheż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' li ma bħalu u
qalu:

S «Dan kien tassew Bin Alla!»

III

K [55]Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk
stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien
għadu fil-Galilija: [56]fosthom kien hemm Marija ta' Magdala,
Marija omm Ġakbu u Ġużeppi u omm ulied Żebedew. [57]Xħin
sar fil-għaxija, ġie raġel għani, minn Arimatija, jismu Ġużeppi, li
hu wkoll kien sar dixxiplu ta' Ġesù; [58]mar għand Pilatu u talbu
l-ġisem ta' Ġesù. Imbagħad Pilatu ordna li jingħatalu. [59]Ġużeppi
ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, [60]qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu
li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u
telaq. [61]Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm
bilqiegħda biswit il-qabar.

[62]L-għada, jiġifieri meta għadda Jum it-Tħejjija, il-qassisin il-kbar
u l-Fariżej inġabru għand Pilatu [63]u qalulu:

S «Sinjur, aħna ftakarna li dan il-bniedem qarrieq, meta kien għadu ħaj, qal: "Wara tlitt ijiem inqum." [64]Mela ordna li l-qabar ikun imħares tajjeb sat-tielet jum, li ma jmorrux jiġu d-dixxipli tiegħu jisirquh, u jgħidu lill-poplu: "Qam mill-imwiet." U hekk il-qerq ta' l-aħħar ikun agħar minn ta' l-ewwel!»

K [65]Qalilhom Pilatu:

S «Għandkom l-għassa. Morru ħarsuh tajjeb kif tafu.»

K [66]U huma marru jissiġillaw il-ġebla biex il-qabar jibqa' mħares sewwa, u ħallew ukoll l-għassa miegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu